SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif. Nru. Minuti 26/K5/07**

**It-Tlettax-il Laqgħa Pubblika 2007**

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 15/02/'07 215**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 15/02/'07 268**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm it-Tlettax il-Laqgħa Pubblika, skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2007.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani Lindsay Debattista u Marisa Micallef.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier David Borg.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: Tnejn (2)

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa u beda billi ta' merħba lil dawk preżenti u nfurmhom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.07 Is-Sindku Peter Bonello qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2006/07 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2007/08.

## 2. Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilment:-

- Talba biex fi Triq il-Kbira jsir culvert minħabba li jżomm ħafna ilma meta tagħmel ix-xita.

- Suġġeriment biex fi Triq il-Kbira jsiru żewġ Road Humps, waħda fi Triq il-Kbira k/m Triq Sant'Elija u l-oħra quddiem is-Sur Cuschieri.

- Resident staqsa kemm ingħataw ċitazzjonijiet rigward r-Residents Parking Scheme. Iċ-Chairman infurmah li kien ser jiċċekja mal-kumitat konġunt u jgħaddilu l-informazzjoni mitluba.

- Fuq ilment biex jiġu rranġati t-tabelli tar-'Residents Parking', iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li dawn kienu diġa saru iżda tneħħew immedjatament minn persuni li ridu jipparkjaw hemm. Madankollu dawn kienu ser jerġu jsiru.

- Dwar il-parking bays li saru fi Triq is-Sajjieda dawn ser jiġu rranġati.

- Iċ-Chairman informa lill-pubbliku li fuq ix-Xatt tas-Sajjieda ser isir il-pavimentar.

3. Is-Sur Joseph Curmi faħħar il-ħidma siewja tal-Kunsill.

4. Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-6.50 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |